MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 497/2014

**RB Catering Limited**
**C 41198**

**Vs**

**Mark Borg Costanzi ID 451766 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Events Travel & Incentives Limited C 13049**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-ammont dovut mis-socjeta' Travel & Incentives Limited (C 13049) ghal-ikla fis-restaurant 'Don Scrafino al Molo' propjeta' tas-socjeta' attrici, nhar id-disgha ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013);

Anness ma dan l-att u mmarkat 'Doc A', hemm il-fattura mahruga mill-istess kumpanija attrici li tipprova l-ammont dovut;

Bl-ispejjez tal-prezentati u bl-imghaxijiet legali mid-data 9 ta' April, 2013, u l-ittra interpellatorja tal-15 ta' April, 2014.

Il-konvenut ghan-nom u rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta debitament notifikat naqas li jidher u lanqas ipprezenta risposta.

Ghalhekk fid-dawl ta’ dan in-nuqqas da parti tal-konvenut it-Tribunal jidhirlu xieraq  illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u ghalhekk it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta ihallas lis-socjeta' attrici s-somma elfejn, mija u erbgha u tmien ewro u hamsa u ghoxrin centezmu(€2,184.25) bl-imghax mid-data 9 ta' April, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluz tal-ittra interpellatorja jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------